# Mistoqsijiet Komuni għall-Windows u l-Mac

**Biex nikteb bil-Malti, bilfors irrid nixtri tastiera Maltija għall-ittri tal-Malti?**
Le, għalkemm issib tixri tastieri Maltin bi prezz raġonevoli, mhux bilfors tixtri waħda ġdida li jkollha l-ittri tal-Malti (Ġġ, Ħħ, Àà, eċċ.) stampati fuqha. Minflok, tista' tikteb lill-Kunsill tal-Malti (kunsilltalmalti@gov.mt) u jintbagħatlek sett *stickers* b'dawn l-ittri bil-posta, bla ħlas. Dawn tista' twaħħalhom fuq it-tastiera tiegħek.

**Nista' nkompli nuża t-tipa tal-Malti li kont installajt?**
It-tipi l-antiki tal-Malti (bħat-Tornado, il-Maltnen u oħrajn) mhumiex tajbin minħabba n-nuqqas ta' kompatibilità. Fil-fatt, jekk tikteb dokument bihom, meta tieħdu fuq kompjuter ieħor l-ittri tal-Malti li jkun fih jinbidlu f'simboli strambi.

**Nista' nuża l-ittri tal-Malti (Ġġ, Ħħ, Àà, eċċ.) fl-ismijiet tal-*files* u l-*folders* ukoll?**
Iva, tista' tagħmel dan, imma mhuwiex rakkomandat għax jaf joħolqu problemi ta' kompatibilità ma' programmi li ma jagħrfux il-Unicode (UTF-8).

**X'inhu l-Unicode (UTF-8)?**
Din hija kodifikazzjoni globali standard adattata għall-kitba mhux biss bil-Malti iżda għal ħafna lingwi minn madwar id-dinja. Importanti tuża lilha meta tkun qed tikteb bil-Malti, inkella l-ittri tal-Malti jiġu injorati jew jinqalbu f'simboli strambi.

# Il-Malti fl-iOS

Available on the App Store

***Maltese Keyboard* - *App* ta' Keith Galdies**

**Din tintegra l-ittri tal-alfabett Malti f'tastiera għal *tablet* jew *smartphone* iOS. Hija bla ħlas u tista' tniżżilha mill-App Store.**

1. Malli tinstalla l-*app*, iftaħha mill-*home screen*
2. Segwi l-istruzzjonijiet.
3. Tista' taqleb minn tastiera għal oħra billi tagħfas il-buttuna tal-globu.

It-tasti tal-punteġġjatura ssibhom fit-tieni 'paġna' tal-għażliet billi tagħfas il-buttuna **123**.




**Tagħrif ieħor, bil-filmati, issibu mill-istazzjon tal-YouTube tal-Kunsill tal-Malti. youtube.com/kunsilltalmalti**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti


**Ħajr:** Saviour Sam Agius, Norman C. Borg, Prof. Ray Fabri, Carl Joseph Farrugia, Thomas Pace



2016


# Il-Malti fl-Android

Google play

***Multiling O Keyboard* - *App* ta' Han Honso**

**Din tintegra l-ittri tal-alfabett Malti f'tastiera għal *tablet* jew *smartphone* Android. Hija bla ħlas u tista' tniżżilha mill-Play Store.**

1. Malli tinstalla l-*app*, iftaħha mill-*home screen*
2. Jidhru l-ewwel struzzjonijiet. Agħfas il-buttuna "**Don't show this message again**" biex tixgħelha u **OK.**
3. Agħżel **1.Enable MultiLing**
4. Biex tibda taħdem mexxi l-buttuna **Off** lejn il-lemin sakemm tidher **On**
5. Mur lura għall-għażliet ta' qabel billi tagħfas il-buttuna tal-vleġġa fuq ix-xellug isfel nett
6. Agħżel **2. Switch IME to MultiLing** biex it-tastiera tal-MultiLing tibda tidher minflok it-tastiera oriġinali tat-*tablet/smartphone* tiegħek
7. Mis-**Select Input Method** agħżel **MultiLing O keyboard** (ara li l-buttuna tagħha tkun mixgħula)
8. Mur lura għall-menù prinċipali u agħżel **Enable Languages**
9. Ixgħel il-buttuna **Maltese** u itfi tal-lingwi l-oħra li m'intix se tuża

It-tastiera tidher kull darba li tkun trid tikteb. Biex taqleb għall-Malti, mexxi subgħajk fuq l-*ispacebar* sakemm tidher **Maltese** fuqha.

Meta tibgħat messaġġ lil xi ħadd bl-ittri tal-Malti, ikun jista' jaqrahom anke jekk hu/hi ma jkollux/jkollhiex il-MultiLing installata.

**Kif tikteb l-ittri tal-Malti?**
Biex tikteb ittra tal-Malti, żomm subgħajk magħfus fuq l-ittra Ingliża li tikkorrispondi magħha u agħżel l-ittra Maltija minn fost dawk li jitilgħu.

**Kif tikteb il-vokali aċċentati?**
1. Agħfas l-ittra li trid tiġi aċċentata.
2. Agħżel it-tast bin-numri **123**.
3. Agħżel it-tast **ALT**.
4. Agħżel l-aċċent (it-tieni tast mix-xellug tal-ewwel filliera). Il-vokali issa għandha tidher aċċentata (eż. Àà).

Tista' żżid ukoll il-vokali aċċentati fit-tast ta' ħdejn l-*ispacebar*.



MANWAL

# Il-Malti fil-mezzi diġitali

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

**Jekk tuża l-Windows u l-Mac, tista' tikteb il-Malti mingħajr diffikultà għax l-ittri tal-Malti (Ġġ, Ħħ, Àà, eċċ.) diġà qegħdin fil-kompjuter tiegħek. M'għandek bżonn tniżżel l-ebda tipa *(fonts)* - kulma trid hu li tattivahom. Dan il-fuljett jurik kif.**

Tista' tikteb bil-Malti f'kull programm tal-kompjuter u fil-posta elettronika wkoll, mhux fid-dokumenti biss. B'hekk tibqa' tuża t-tipi li inti mdorri/ja bihom, bħat-Times New Roman, l-Arial, il-Helvetica, il-Calibri, il-Comic Sans u oħrajn.

F'dan il-manwal qed jingħataw l-istruzzjonijiet għall-Windows 8, 8.1, 10 u l-Mac (OS X). Għall-verżjonijiet ta' qabel, ara l-manwal l-antik mit-taqsima tal-Ħoloq Pronti fis-sit tal-Kunsill tal-Malti: **kunsilltalmalti.gov.mt**

Tista' tikteb bil-Malti wkoll minn *smartphone* u *tablet* billi tniżżel *app* b'xejn. Hemm waħda għall-Android u oħra għall-iOS. F'dan il-fuljett issib ukoll kif tattivahom.



# **Il-Malti** fil-Windows

**KIF TATTIVA L-MALTI FIL-WINDOWS 8, 8.1, U 10**

**Fil-Windows 8:**

i. Kif tkun fl-iskrin tal-bidu, ikteb "input methods"
ii. Inti u tikteb għandu jidher menù fuq il-lemin u minnu agħżel **Settings**
iii. Agħfas fuq **Change input methods**

**Fil-Windows 8.1:**

i. Kif tkun fl-iskrin tal-bidu, ikteb "settings"
ii. Inti u tikteb għandu jidher menù fuq il-lemin u minnu agħżel **PC settings**
iii. Agħżel **Time & language**
iv. Agħfas fuq **Region & language**

**Fil-Windows 10:**

i. Agħfas il-buttuna tal-**Windows**
ii. Agħżel **Settings** mill-menù
iii. Agħżel **Time & language**
iv. Agħfas fuq **Region & language**

1. Agħżel **Add a language**

2. Mil-lingwi kollha, sib il-Malti u malli tagħżlu jiżdiedlek mal-lista tal-lingwi attivati

3. Mil-lista tal-lingwi attivati, erġa' agħżel il-Malti u minn hemm agħfas **Options**

4. Agħżel it-tip ta' tastiera għall-kompjuter tiegħek







Issa t-tastiera tal-Malti hija attivata fil-kompjuter tiegħek u kulma jonqsok huwa li tagħżilha mil-**Language Bar**. Din issibha fl-iskrin prinċipali ħdejn l-arloġġ. Hemm issib **ENG**, jekk kont qed tuża l-Ingliż. Agħfas fuqha u agħżel **MLT**.




# Mistoqsijiet Komuni għall-Windows

**Kif nista' naqleb bejn it-tastiera tal-Malti u tal-Ingliż?**

Biex taqleb minn lingwa għal oħra malajr, tista' tagħfas **ALT+SHIFT** sakemm il-**Language Bar** tkun qed turi l-lingwa li tixtieq, fil-każ tal-Malti **MLT**.

**Fejn hi l-ittra ż?**

L-ittra ż fuq xi tastieri tkun fuq it-tast tal-*backslash* **** jew tal-*vertical bar* **|**, filwaqt li f'xi oħrajn tista' tkun fuq it-tast tat-*tilde* **~** jew tal-*hash* **#**. Ipprova ċċekkja dawn. (Ara wkoll il-mistoqsija li jmiss.)

**L-ittra ż xorta waħda mhix taħdimli!**

Jekk l-ittra **ż** tibqa' ma tidhirx, aktarx li għażilt it-tastiera l-ħażina u trid tibdilha. (Ara pass numru 3 tal-Windows).

**Kif nikteb il-vokali bl-aċċent?**

Il-vokali bl-aċċent, **à è ì ò ù**, jistgħu jinkitbu billi żżomm it-tast **ALTGr** (jew l-**ALT** tal-lemin jew **Ctrl + ALT** tax-xellug) mat-tast tal-vokali li tkun trid tikteb, jiġifieri **ALTGr + a** tagħtik **à** u **ALTGr + SHIFT + u** tagħtik **Ù**.

Importanti li l-Language Bar tkun attivata fuq il-Malti (MLT) biex l-aċċent joħroġ sew (**à**) u mhux bil-kontra (**á**). Dan jgħodd ukoll għall-vokali l-oħra aċċentati.

**Kif nikteb is-simboli li ħadulhom posthom l-ittri tal-Malti?**

Biex tikteb dawn is-simboli trid tagħmel l-istess kif tagħmel biex tikteb il-vokali bl-aċċent, jiġifieri żżomm l-**ALTGr** magħhom.

## **Tipi ta' tastiera**




**Maltese 48-key (stil Brittaniku)**
Jekk it-tastiera tiegħek għandha s-simbolu tal-isterlina (£) fuq in-numru 3

**Maltese 47-key (stil Amerikan)**
Jekk it-tastiera tiegħek m'għandhiex is-simbolu tal-isterlina (£) fuq in-numru 3

# **Il-Malti** fil-Mac

**KIF TATTIVA L-MALTI FL-OS X V10.11 (EL CAPITAN)**

1. Idħol fil-menù tal-Apple
2. Agħżel **System Preferences...**
3. Agħżel **Language & Region**
4. Agħfas fuq il-buttuna **Keyboard Preferences...** u din turik it-tastiera/i li diġà għandek fis-sistema
5. Agħfas fuq il-buttuna tas-sinjal **+** li ssib in-naħa t'isfel tax-xellug tal-iskrin u titlagħlek lista ta' lingwi differenti
6. Agħżel il-Malti mil-lista ta' fuq ix-xellug









Issa t-tastiera tal-Malti hija attivata fil-kompjuter tiegħek u kulma jonqsok hu li tagħżilha miż-żigarella tal-OS X li ssib in-naħa ta' fuq tal-iskrin. Fiha ssib bandiera tal-Istati Uniti jew tar-Renju Unit, skont x'tastiera tal-Ingliż tuża. Agħfas fuqha u agħżel il-Malti minnha.




# Mistoqsijiet Komuni għall-Mac

**Kif nista' naqleb bejn it-tastiera tal-Malti u tal-Ingliż?**

Biex taqleb minn lingwa għal oħra malajr, tista' tissettja żewġ *shortcuts*, waħda biex taqleb għal li jmiss, u oħra biex tmur lura. Dawn tista' tissettjahom billi terġa' lura fil-**Keyboard Preferences** u tagħżel **Shortcuts.**